5 ta' Novembru, 1954.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., *President.*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Ganni Gauci et.**

***versus***

**Nobbli Dr. Victor Testaferrata Bonnici et.**

**Konfini — Ħajt Diviżorju — Azzjoni "Finium Regundorum" — Prova — Sinjali.**

***F'kawżi ta' delimitazzjoni ta' konfini, minn żmien id-Dritt Ruman, huma prova konkludenti anki s-sinjali; anzi proprjament, meta s-sinjal ta' delimitazzjoni jkun ovvju, lanqas kienet ammessa l-azzjoni ta' regolament ta' konfini, ladarba b'dak is-sinjal il-konfini jkunu ċerti.***

***Għaldaqstant, jekk ikun jeżisti ħajt, jew anki r-ruderi tiegħu, bejn proprjetà u oħra, dak il-ħajt, waħdu, huwa prova tal-konfini tal-proprjetà waħda u oħra; u dan aktar u aktar meta jkun hemm provi oħra li jkomplu jsaħħu fil-każ partikulari din il-konklużjoni.***

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-atturi, wara li ppremettew illi l-instanti Ġanni Gauci ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati biex iwieġeb għall-imputazzjoni talli, wara li kien avżat bil-miktub mill-Pulizija, naqas li jneħħi blata li qiegħda fi stat ta' tigrif fit-territorju "Tal-Lunzjata", limiti tar-Rabat, b'perikolu għan-

nies u għal ħwejjeġ ħadd ieħor, fiż-żmien stabbilit, u barra minn dan ma obdiex l-ordni tal-Pulizija; u illi b'sentenza ta' l-istess Qorti tat-22 ta' Frar 1949 l-instanti Ganni Gauci ġie liberat, u l-Pulizija interponiet appell lill-Qorti Kriminali tal-Maestà Tiegħu r-Re; u illi l-Qorti Kriminali (Sede ta' l-Appell), fuq is-sottomissjoni ta' l-instanti illi huwa mhux l-uniku proprjetarju, u lanqas il-persuna responsabili għar-rimozzjoni tal-perikolu fuq imsemmi, ħalliet l-appell "sine die", riappuntabili, fost affarijiet oħra, anki jekk l-instanti ma jkunx għamel f'sedi ċivili ċitazzjoni dwar ir-responsabilità tar-rimozzjoni ta' dana l-perikolu żmien għoxrin ġurnata mis-sentenza (dok. A), li ġiet mogħtija fil-11 ta' April 1949; u illi l-perikolu huwa kostitwit mill-possibilità li jaqa' blat in vista tax-xaqq kbir fil-massa roċċjuża, liema xaqq jeżisti prinċipalment fil-proprjetà tal-konvenuti, għalkemm ikompli f'dik ta' l-atturi, u għalhekk huwa obligu tal-konvenuti li jneħħu l-perikolu riferit, b'opri li jridu jew jistgħu jsiru fil-proprjetà tagħhom; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi deċiż u dikjarat illi (1) ir-roqgħa jew blata tappartjeni fil-maġġur parti tagħha lill-konvenuti, u konsegwentement illi huma l-persuni responsabili għar-rimozzjoni tal-perikolu li jeżisti fil-blat fit-territorju "Tal-Lunzjata"; u (2) jekk dina l-Qorti jidhrilha li l-atturi huma wkoll responsabili flimkien mal-konvenuti għar-rimozzjoni tal-perikolu, jiġi deċiż f'liema miżura għandhom jinqasmu l-ispejjeż għar-rimozzjoni tal-perikolu fuq imsemmi, okkorrendo bin-nomina ta' perit li jiġi magħżul minn dina l-Qorti; u, jekk hemm bżonn, jiġi deċiż ukoll illi l-parti tal-blat li jeżisti mal-ħajt diviżorju 'l barra ma hijiex ta' proprjetà ta' l-atturi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis.*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Novembru 1952, li biha rrespinġiet it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom; billi kkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju kkonkluda illi l-blata fil-kwistjoni tappartjeni fil-parti superjuri tagħha u in kwantu għal 5/24 lill-atturi, u fil-parti inferjuri tagħha u in kwantu għal 19/24

tal-konvenuti. Il-perit gudizzjarju wasal ghal dina l-konkluzjoni billi ssottometta illi rriżultalu illi x-xifer ta' l-irdum huwa proprjetà tal-konvenuti, ghar-raguni illi, waqt illi mid-depożizzjoni ta' Carmelo Fenech, Carmelo Borg u Antonio Schembri, l-atturi ppruvaw illi dak ix-xifer l-irdum kien proprjetà tal-konvenuti, dawn ma ppruvawx li dak ix-xifer ma kienx taghhom;

Illi ma jidherx illi dina l-konklużjoni ghandha tiġi milqugha. Apparti milli l-konvenuti mhumiex konvenuti illi jaghmlu prova negativa, u apparti illi l-prova tal-proprjetà trid issir b'mod ahjar minn dak per mezz ta' testimoni, hu ċert illi prova simili trid tkun pjena u konvinċenti. Issa, ix-xhieda fuq imsemmijin mhux biss ma ddeponew xejn b'mod preċiż u konkludenti, imma dak li ddeponew qaluh skond il-fehma taghhom in parti, u in parti skond ma kien qalilhom hadd iehor;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx illi l-atturi waslu biex jippruvaw, almenu b'mod soddisfaċenti, il-pretensjoni taghhom;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi Ganni u Saverio ahwa Gauci, u l-petizzjoni taghhom, li fiha appellaw mill-imsemmija deċiżjoni u talbu li tiġi revokata, billi jiġu akkolti d-domandi attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu ta' l-azzjoni preżenti jikkonsisti proprjament fid-delimitazzjoni tal-konfini tal-proprjetà rispettiva ta' l-atturi u tal-konvenuti, relativament ghal dik il-parti taghha li ghandha x'taqsam mal-blata li fis-sedi kriminali l-Pulizija prosekutriċi qieghda tallega li hija perikolanti. L-atturi jallegaw li x-xifer ta' l-irdum (kulurit isfar skur fil-pjanta markata "A" fol. 46) johroġ mill-konfini tal-proprjetà taghhom u jidhol fil-konfini tal-proprjetà tal-konvenuti. Dawn, inveċe, ighidu li l-konfini tal-proprjetà ta' l-atturi jibqghu sejrin sax-xifer ta' l-irdum inklużivament;

Kieku ma kienx hemm iċ-ċirkustanza deċiżiva li sejra tiġi msemmija, is-soluzzjoni kienet tkun pjuttost skabruża;

għaliex l-istruzzjoni tal-proċess mill-partijiet ma tantx kienet eżawrjenti;

Hu fatt, però, konstatat "de visu" fl-aċċess li żammet din il-Qorti fuq il-post in kwistjoni, li mill-bieb li minnu wieħed jaċċedi għar-raba' tal-konvenuti hemm ħajt (fin-naħa tal-lvant) li jibqa' jestendi ruħu matul il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti, u li jifred ix-xifer ta' l-irdum mir-raba' ta' l-atturi. Hu veru li dan l-ħajt hu mwaqqa' in parti, iżda jidhru ċar ħafna t-traċċi tiegħu matul l-estensjoni kollha;

Issa, hu "jus receptum" illi, f'kawżi simili, minn żmien id-Dritt Ruman (ara, dwar l-"actio finium regundorum" li għaliha tixxiebah l-aktar l-azzjoni preżenti, il-Haimberger, Diritto Romano, p. 378, para. 598), huma prova konkludenti anki s-sinjali, ossija "marche di confine". Anzi, proprjament, meta dan is-sinjal ta' delimitazzjoni jkun ovvju, lanqas kienet tiġi ammessa l-azzjoni ta' regolament tal-konfini, ladarba, b'dak is-sinjal, dawn il-konfini jkunu ċerti (ara Haimberger, loc. ċit., u l-Laurent, Diritto Civile, Vol. VII, p. 378 et seq. 382);

Issa, hu "ictu oculi" ċert li dak il-ħajt, jew ir-ruderi tiegħu, huwa delimitazzjoni tal-konfini tar-raba' ta' l-attur u r-raba' tal-konvenuti. Waħdu biss, dak il-ħajt kien ikun biżżejjed bħala prova. Iżda fil-każ preżenti hemm provi oħra li jkomplu jsaħħu din il-konklużjoni. Infatti:—

1. Hemm żewġ siġar tal-ħarrub li jestendu l-friegħi tagħhom fuq iż-żewġt iħbula, ta' l-atturi u tal-konvenuti; u l-attur Giovanni Gauci, u l-gabillotti prodotti bħala xhieda, ikkonfermaw li l-ħarrub mill-ħajt 'il ġewwa kien jingħabar minnhom, mentri dak li jestendi ruħu fuq ix-xifer ta' l-irdum kien jingħabar mill-gabillotti tal-konvenuti. Fost dawn il-gabillotti hekk prodotti hemm Antonio Schembri, li huwa anki gabillott ta' l-istess konvenuti. Anki jekk x'uħud minn dawn ix-xhieda jibbażaw ruħhom fuq dak li kien qalilhom missier l-atturi, kull diffikultà probatorja hija superata bid-dispożizzjoni ta' l-art. 598 Kod. Pro. Ċiv. Kap. 15, li jippermetti appuntu l-prova "per relatum" meta l-persuna li tkun qalet il-kliem in kwistjoni ma tkunx tista' tiġi prodotta

bħala xhud għax mejta, u meta si tratta, "inter alia", kif imbu l-każ, ta' kwistjoni ta' konfini;

2. Lanqas hi traskurabili bħala konferma x-xhieda ta' Padre Ludovico Caruana, prokuratur tal-padruni diretti tar-raba' ta' l-atturi, ċjoè l-Patrijiet Karmelitani ta' l-Imdina, fis-sens li l-Kunvent dejjem ikkunsidra li l-konfini tar-raba' enfitewtikat lill-atturi huma san-nofs tal-ħajt fuq imsemmi—xhieda li taqbel ukoll ma' dik ta' Antonio Schembri fol. 33;

3. Mal-ħajt jidhru kostruzzjonijiet li jagħtu għall-fond tal-konvenuti u li huma tal-konvenuti, magħmulin bil-kantuni regolari (verbal ta' l-aċċess fol. 101, u xhieda ta' l-attur Ganni Gauci fol. 31 tergo, u ta' Antonio Schembri fol. 33). Issa, hu fatt li l-blata, li fiha hemm dak ix-xaqq li hu allegat perikoluż, tibda mill-proprjetà ta' l-atturi, iżda tittraversa l-linja tal-ħajt fuq imsemmi u tibqa' testendi ruħha lil hemm mill-ħajt. Ix-xaqq in parola ma hux biss fis-superfiċi taż-żewġ naħiet tal-ħajt, imma jibqa' jestendi ruħu fil-profondità, u mill-wiċċ tal-blat jibqa' nieżel ġewwa għar li hemm skavat fir-raba' tal-konvenuti taħt il-blata in kwistjoni;

Tidher, għalhekk, leġittima l-konklużjoni li, jekk hemm il-perikolu allegat, fis-sens tal-liġi r-responsabilità għar-rimozzjoni tal-perikolu hi tant ta' l-atturi kemm ukoll tal-konvenuti; u dina r-responsabilità l-perit nominat mill-Ewwel Qorti allokaha fil-proporzjon ta' dsatax minn erbgħa u għoxrin parti (19/24) fuq il-konvenuti, u ħames parti minn erbgħa u għoxrin (5/24) fuq l-atturi (ara xhieda tal-perit fol. 53). Ma saret ebda kontestazzjoni ta' din il-proporzjon;

Jibqa' dikjarat li l-Qorti ma ħadet ebda konsiderazzjoni tal-kuntratt li tiegħu hemm kopja fol. 81; għaliex ebda prova rassikuranti ma saret dwar l-identifikazzjoni tal-fond imsemmi fil-kuntratt mal-fond ta' l-atturi, għalkemm it-territorju huwa "Tal-Lunzjata" wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata: u fuq iż-żewġ domandi tiddeċidi illi l-blata in kwistjoni tinsab tant fil-konfini tar-raba' ta' l-atturi kemm fil-konfini tar-raba' tal-konvenuti; u li, jekk hemm il-perikolu allegat, ir-respon-

sabilità għar-rimozzjoni ta' l-inkonvenjent ol-mezzi xierqa għandha taggrava fuq l-atturi u l-konvenut fil-proporzjon ta' 19/24 kwantu għall-konvenuti, u 5/24 fuq l-atturi. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-kontendenti fl-istess proporzjonijiet.